**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR.IMĦALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

Appell numru 139/2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**Vs**

**Anna Grima**

**Illum 23 ta' April, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Anna Grima detentriċi tal-karta ta'l-identita' bin-numru 598556(M) akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-2 ta' Ottubru 2006 ġewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola:

a) Kellha fil-pussess tagħha r-raża meħudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

b) Kif ukoll talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs mediċina perikoluża skont l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 talLiġijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-artikolu 7(1)(2) tal-Att Dwar il-Ħabs

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' April 2019 li wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, iddikjarat l-imputazzjoni (b) preskritta u għaldaqstant illiberat lill-imputata minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess, fil-waqt illi sabet lill-istess imputata ħatja tal-imputazzjoni (a) u kkundannatha għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettiva u multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħatja għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż konnessi mal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, u ċioe` nofs l-ispejjeż relatati mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, l-ammont ta' liema spejjeż ma jirriżultax mill-atti, kif ukoll nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni konġunta ta' PS 36 Sergio Azzopardi u PS 644 Evan Camilleri, ammontanti dan in-nofs għas-somma ta' tnax-il lira Maltin ekwivalenti għal sebgħa u għoxrin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€27.95). Ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jiġu determinati nofs l-ispejjeż tax-Xjenzat Godwin Sammut. In oltre il-ħatja għandha tħallas l-ispejjeż kollha fuq msemmija fi żmien tliet xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta'l-imputata Anna Grima ppreżentat fit-13 ta' Mejju 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tilliberah mill-akkużi kollha kif dedotti kontra tagħha. Filwaqt, u mingħajr ebda preġudizzju illi jekk kellha tinstab ħtija fil-konfront tal-appellanti, l-piena erogata fil-konfront tagħha għandha tkun aktar ekwa u ġusta u dan minħabba

t-trapass taż-żmien u elementi oħra li ġew trattati f'dan l-appell kif ukoll li ser jiġu trattati waqt il-kors tal-appell.

Rat l-aggravji mqanqla mill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2020 fejn ġiet sollevata l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali u dan fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni lilha addebitata u l dwarha ġiet misjuba hatja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma tinoltra ruħha fl-aggravju marbuta mal-mertu u sussidjarjament ma' dak dwar il-piena komminata kontra l-appellanti, il-Qorti ser tgħaddi biex tqies qabel xejn l-aggravju imqanqal mill-appellanti fil-mori tal-appell fejn ġiet sollevata il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali u dan referribbilment għall-ewwel imputazzjoni lilha addebitata u li dwarha ġiet misjuba ħatja mill-Ewwel Qorti.

Illi l-appellanti ġiet mixlija bil-pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis* u dan meta ġiet intercettata fil-pussess ta' din id-droga ġewwa qalziet (*jeans*) li kienet ser tgħaddi lil binha Allan Grima detenut ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Fil-fatt hija ġiet imwaqqfa mill-gwardjani tal-ħabs fis-sezzjoni tad-debituri qabel ma daħlet biex tagħmel viżta. Din id-droga ġiet misjuba fil-keffa tal-qalziet, liema keffa kienet tidher *ictu oculi* li giet miftuqa u imbagħad imsewwija mill-ġdid b'ħajt ta' lewn vjola.

Illi għalkemm l-appellanti tikkontendi li l-azzjoni kriminali hija perenta, iżda ma tindikax id-dispożizzjoni tal-liġi li abbazi tagħha qiegħda tqanqal din l-eċċezzjoni. Tagħmel referenza biss għas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' binha Allan Grima mil-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali datata 16 ta' Ottubru

2020 fejn hemmhekk l-azzjoni penali ġiet dikjarata preskritta bid-dekors ta' hames snin fit-termini ta'l-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-Qorti minnufih tistqarr illi l-appellanti ma għandhiex raġun f'dan l-aggravju ġdid minnha imqanqal. Dan għaliex fl-ewwel akkuza miġjuba kontra tagħha, hija ġiet mixlija bil-pussess aggravat ta' droga liema reat iġorr il-piena maħsuba fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' il-piena ta' bejn sitt xhur u għaxar snin priġunerija. Dan ifisser allura illi it-terminu ta' preskrizzjoni li għandu japplika huwa dak maħsub fl-artikolu 688(b) tal-Kodiċi Kriminali u cioe' dak ta' ħmistax-il sena, terminu li certament ma kienx laħaq iddekorra miż-żmien tal-kummissjoni tar-reat saż-żmien illi hija ġiet notifikata bl-azzjoni odjerna. Fil-fatt l-appellanti hija mixlija li kkomettiet ir-reat lilha addebitat fit-02 ta'Ottubru 2006, bin-notifika lilha magħmula taċ-ċitazzjoni issir sal-20 ta' Ġunju 2012, l-ewwel dehra tagħha quddiem il-Qorti. Għaldaqstant għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti tilmenta ukoll illi l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha kien wieħed żbaljat. L-appellant tinsisti illi għalkemm hija ġiet misjuba fil-pussess tad-droga mertu ta' dan il-każ, madanakollu tisħaq illi l-element formali sabiex jissussisti r-reat huwa nieqes għaliex hija kienet injara mill-fatt illi fil-keffa tal-qalziet li kienet qed iddaħħal gewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin biex jigi mgħoddi lil binha Allan Grima, kien hemm din id-droga.

Illi skartati l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellanti meta hija ġiet arrestata u interrogata mill-pulizija, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha, apparti id-droga li ġiet eżebita u eżaminata mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ix-xiehda tal-uffiċjali tal-ħabs li sabu din id-droga fil-keffa tal-qalziet, il-pulizija li kienu involuti fit-tfitxijiet li saru fid-dar ta' Anna Grima u finalment ix-xiehda ta' binha stess Allan Grima. L-Ewwel Qorti sejset id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront ta'l-appellanti fuq prova ċirkostanzjali li fil-fehma tagħha kienet determinanti, abbinata din il-prova max-xiehda ta' Allan Grima li fil-fehma tagħha ma kenitx verosimili.

Issa huwa fatt inkontestat illi fil-*jeans* li l-appellanti kienet ser idaħħal ġewwa il-ħabs kien hemm 0.66 grammi *cannabis* moħbija fil-keffa. Illi mix-xhieda ta' PC398 John Aquilina u tal-gwardjan Paul Borg Bonaċi jidher illi il-keffa fejn kienet moħbija din id-droga kienet meħjuta, tant illi Borg Bonaċi igħid li kellu iċarratha. Dan qed jingħad għaliex jikkontrasta ma' dak li xehed Allan Grima meta stqarr illi d-droga kien jaħbieha hu stess f'din il-keffa sabiex ma tinstabx mill-gwardjani tal-ħabs u kien iħallieha miftuqa sabiex ikollu aċċess għaliha meta jkun irid jagħmel użu minnha. Affermazzjoni allura li hija skossa mill-provi li jemerġu mill-fattispecje tal-każ. Mhux biss iżda jemerġi mill-provi wkoll illi din il-keffa kienet meħjuta b'ħajt li kien differenti mill-ħajt uzat fil-kumplament tal-ħjata tal-*jeans* u jingħad li anke il-lewn kien differenti billi dan kien ta' kulur vjola. Illi imbagħad mix-xiehda ta' WPS 237 Antonella Vella u ta' PS1574 Renaldo Cremona li effettwaw it-tfittxija fir-residenza tal-appellanti, fuq il-bank tal-kċina nstab proprju minċott tal-ħajt ta' lewn vjola, liema minċott ma kienx jinstab mal-kumplament tal-minċotti li Grima kienet iżżomm fil-kexxun tal-bank tal-kċina, indikattiv tal-fatt illi dan il-minċott x'aktarx kien għadu kemm sar użu minnu. Illi allura meta dawn il-fatti probatorji jiġu mqabbla max-xhieda dubbjuża ta' Allan Grima, l-Ewwel Qorti ġustament ma setatx tasal biex tagħti affidament lil verżjoni tiegħu tal-fatti meta stqarr illi huwa kien izzomm id-droga moħbija ġewwa dan il-*jeans* u li kien għaddieh bi żball lil ommu għal ħasil. Dan ghaliex huwa inverosimili illi meta kienet issir tfittxija mill-uffiċjali tal-ħabs ġewwa iċ-ċelel tal-priġunieri ma kenitx issir tfittxija fil-ħwejjeġ kollha li l-priġunier ikollu fil-pussess tiegħu, inklużi dawk maħmuġin, kif inhu nversomili ukoll illi dan il-priġunier kellu fil-pussess tiegħu ġewwa iċ-ċella minċott u labra tal-ħjata sabiex ikun jista' joftoq u iħiet il-qalza tal-*jeans* biex jaħbi d-droga. Huwa evidenti illi x-xiehda ta' Allan Grima hija intenzjonata biss biex tipprova tiskolpa lil ommu mill-għemil kriminali minnha kommess. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma għandhiex dubbju illi l-appellanti kienet taf ben tajjeb illi kien hemm id-droga fil-keffa tal-*jeans* ta' binha u li ma kien ħadd ħliefha illi ħbiet id-droga f'dik il-keffa billi fetqietha u wara ħititha bil-ħajt ta' kulur vjola li sussegwentment ġie misjub fir-residenza tagħha. Illi allura, billi ma hemmx prova in atti illi d-droga misjuba fil-pussess tal-appellanti kienet ghall-użu personali tagħha, u billi d-droga li

instabet fil-*jeans* li kien fil-pussess tagħha kienet intenzjonata biex tiġi mgħoddija lil binha Allan Grima, detenut ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, l-Ewwel Qorti ġustament sabitha ħatja tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha. Illi allura anke l-aggravju marbut mal-mertu ma jistħoqqlux akkoljiment.

Finalment l-appellanti tilmenta illi l-piena erogata fil-konfront tagħha kienet eċċessiva. Illi l-Qorti tqies li dan mhuwiex minnu billi l-piena ta' tmien xhur priġunerija u multa ta €850 hija waħda li tqarreb lejn il-minimu. L-appellanti fil-fatt f'dan l-aggravju titlob lil Qorti tqies l-aspett riformattiv tal-persuna misjuba ħatja aktar minn dak retribbuttiv, oltre it-trapass twil taż-żmien minn meta ġie kommess ir-reat, abbinat fuq kollox mal-problemi ta' saħħa li hija qed tiffaċċja fl-eta' avvanzata tagħha. Tappella fuq kollox għal klemenza tal-Qorti in vista tal-fatt illi żewgha li ukoll għandu problemi ta' saħħa huwa dipendenti fuqha għall-għejxien tiegħu.

Illi l-Qorti tifhem illi perijodu ta' inkarċerazzjoni għall-appellanti ser iġib miegħu ċertu *hardship* għaliha u għal familja tagħha, madanakollu għandha idejha marbuta billi l-leġislatur ma jagħtihiex għazla ta' piena oħra għar-reat li dwaru l-appellanti ġiet misjuba ħatja. Lanqas ma tista' tapplika d-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 21 jew 28A tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tagħha jew d-disposizzjonijiet ta'l-Att dwar il-Probation u dan meta fl-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta hemm speċifikatament dispost illi:

> **"(9) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i)."**

Kwindi l-ebda piena li tinżel taħt il-minimu preskritt fil-liġi jew alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva ma tista' tiġi komminata kontra l-appellanti u għalhekk anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellanti tingħata l-kura kollha li għandha bżonn għal problemi tagħha ta' saħħa fl-eta' avvanzata li tinsab fiha u li tingħata anke assistenza permezz ta' assistenti soċjali li jkunu jistgħu joffrulha xi għajnuna għas-sitwazzjoni familjari tagħha.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Edwina Grima

Imħallef